

# L-Avventura ta' Gunner Żejtuni

kitba ta' Carmelo P. Baldacchino



Peter Buttigieg twieled iż-Żejtun fis-26 ta' Novembru 1918. Missieru kien Anthony u ommu Giovanna née Farrugia u ġie mgħammed fil-Parroċċa ta' Santa Katarina taż-Żejtun. Il-familja tiegħu, minħabba n-nuqqas ta' xogħol li kien hawn wara l-Ewwel Gwerra Dinjija kellhom jemigraw lejn Ġibiltà fl-1921, meta Peter kien għad għandu tliet snin biss, flimkien ma' ħuh u żewġ ħuti bniet. Wara, waħda marret toqgħod l-Amerika u l-oħra l-Awstralja, waqt li ħuh baqa' joqgħod Ġibilità.

Peter kien għadu wisq żgħir biex ikun jaf għaliex il-familja tiegħu kellhom isiefru. Dawn marru Ġibiltà fuq vapur Taljan u bdew jgħix hemmhekk. Meta Peter, flimkien ma' ħutu, kibru ftit u bdew imorru l-iskola tal-Christian Brothers f'Ġibiltà. Meta kellu ħdax-il sena, Peter sab impjieġ ċkejken, *part-time* u hekk seta' jaqla' ftit *pocker money*.

Meta kiber aktar hu sab xogħol ieħor *part time* li kien ta' natura aktar serja u tgħallem is-sengħa tan-navigazzjoni minn kaptan ta' jott, u ħa dan ix-xogħol b'serjetà kbira u hekk laħaq il-grad ta' *Junior Mate* meta beda jaħdem abbord il-vapur Sir Noel Birch.

Iżda x-xewqa tiegħu kienet li jidħol mar-Royal Navy, imma sfortunatament ma rnexxielux. Meta bdiet il-Gwerra bil-ftit flus li kien ġemma, hu mar l-Ingilterra. Għal Peter din kienet ħajja kompletament ġdida. Wara tlett ijiem jiġġerra 'l hawn u 'l hemm hu ra reklam jitlob żgħażagħ biex jingaġġaw mal-RAF. Kienet deċiżjoni mgħaġġla u malajr sab ruħu mal-RAF, u hekk daħal għal ħajja aktar avveturuża, meta applika biex jibda jittrenja mal-iskwadra tal-ajru. Biex jittrenja ma' skwadra tal-ajru fil-paċi kien jieħu ħafna żmien, iżda, peress li kienet bdiet il-gwerra dan il-kors ġie mnaqqas skont il-bżonn. Hemm ċerti kundizzjonijiet importanti meta wieħed jippreżenta ruħu għal xi intervista. Dawn huma, saħħa fiżika, kwalifiki ta' edukazzjoni, kapaċità li tieħu deċiżjoni f'waqtha, u mbagħad, sintendi meta jispiċċa l-kors, isir l-eżami finali ta' dak li jkun.

Peter ġie aċċettat u sar Air Gunner fl-iskwadra Numru 50 mal-ajruplani AVRO Manchester. M'għandniex dettalji ta' meta beda jittrenja, iżda fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Ġunju 1942, l-ajurplan tiegħi ġie mwaqqa' fuq Apeldoorn fl-Olanda. Membri tal-iskwadra jiġu mgħallmin sewwa kif għandhom iwieġbu meta jinqabdu mill-għadu. Jgħidulhom biex jeqirdu jew jaħbu l-ilbies tal-ajru li jkollhom fuqhom.

Min-naħa l-oħra l-għadu jistaqsihom numru kbir ta' mistoqsijiet. Petar ma wieġeb xejn ħlief ismu u n-numru tiegħu. Ħaġa li nħolqot fil-moħħ tal-għadu u li huma sabuha bi tqila jemmnu hi, li hu nqabad ħamest ijiem wara li waqa' l-ajruplan tiegħu u li ħadd fl-Olanda ma kien tah kenn. Dwar dan l-aħħar mistoqsija huma bdew jhedduh ħafna.

Meta kien mess l-art, u ħeba l-ħwejjeġ tal-ajru hu kien jimxi minn post għal ieħor, jistaħba matul il-ġurnata u jterraq matul il-lejl. Waħda mill-ikbar diffikultajiet kienu l-klieb li jinbħu għall-istranġieri.

Il-ftit ikel li kellu ma servihx ħafna u l-aktar problema kienet l-għatx. Fl-aħħar sab dar li fuq in-naħa ta' wara kellha pompa tal-ilma. Peter iddeċieda li jipprova jħaddimha iżda din għamlet ħoss qawwi li ġibed l-attenzjoni tal-mara tad-dar. Hu qalilna x'kien qiegħed ifittex. Din il-mara li kienet wieġbet għas-sejħa tiegħu, tat l-allarm għaliex malli ftit passi 'l bogħod fit-triq prinċipali huwa ra ħafna attività – mutur bis-sidecar u suldat armat u oħrajn bil-klieb.

Dan kien il-bidu ta' tliet snin li kellu jgħaddi fil-Ġermanja iżda dan mhux it-tmiem tal-istorja tiegħu.

Irnexxielu jaħrab iżda reġa' nqabad. Hemm inċidenti oħra li hu jiftakar, bħal kif hu kien jgħin iħaffru mini li minnhom il-priġunieri Ingliżi jkunu jistgħu jaħarbu.



Dak li ġara fil-Kamp tal-Priġunieri tal-Ġermanja hu importanti u ta' min jaqra dwaru, iżda kien hemm tant inċidenti li hu impossibli li wieħed isemmihom f'dan l-artikolu għax jieħdu ħafna spazju.

Wieħed irid jiftakar li l-priġunieri kienu żgħażagħ b'saħħithom ġejjin minn varjetà kbira ta' okkupazzjonijiet, kien hemm opinjonijiet differenti u kull idea ġdida kienet tiġi diskussa. Kull priġunieri kien joħroġ bis-suġġerimenti tiegħu wieħed wieħed. Saħansitra Peter wasal biex iħit uniformi ta' uffiċjali Ġermaniż u rnexxielu jaħrab mill-kamp. Saħansitra l-gwardjani Ġermaniżi bdew isellmulu minn fejn jgħaddi, iżda wara xi żmien hu reġa' nqabad mill-ġdid u reġgħuh lura minn fejn kien ħarab. Qiegħed insemmi dan il-każ biex nuri ma kemm diffikultajiet dawn il-priġunieri kienu jħabbtu wiċċhom.

Meta l-gwerra kienet waslet biex tispiċċa, Peter u sħabu ndunaw li l-gwardjani ma tantx kienu qegħdin jagħtu kas ta' x'qed jiġri fil-kamp u f'jum wieħed bdew jaħarbu u ħallew kullimkien miftuħ. Naturalment dan kien ifisser il-ħelsien għall-priġunieri kollha li ħarbu.

Huma ltaqgħu mat-Tieni Armata Ingliża li ħadet ħsiebhom, ħaduhom il-Belġju u mbagħad għall-Ingilterra fejn ġew ippustjati f'kamp f'Wolver Hampton għal tliet ġimgħat li kien qed jinbena qabel ġew mibgħuta mal-familji tagħhom. Din is-silta li ġejja kitibha Peter fil-ktieb tiegħu *We weep no more*, kiteb ta' sodisfazzjon lil min jaqrah.

"Ma tistax timmaġina persuni aktar ferħanin minna l-priġunieri dakinhar, b'dak il-jum stess truppa kbira ta' suldati mixjin fit-triq fejn aħna konna priġunieri.

Din id-darba dawn kienu suldati Amerikani, b'mijiet ta' tankijiet, jeeps u karrijiet armati għaddew minn dik it-triq fil-ftit sigħat ta' wara. Dawn is-suldati ġenerużi Amerikani lilna tawna ikel, sigaretti, sulfarini, gazzetti u kull ħaġa oħra immaġinabbli. Kienet dehra mill-aktar ferrieħa u jiena nemmen li kienet sena sabiħa u sinjifikanti ta' ħajti.

Ħelsien! Bniedem liberu mill-ġdid! Fl-aħħar! Wara li ħaduna f'ċentru speċjali fl-Luniberg ġejna disinfettati u stajna nieħdu banju tajjeb għall-ewwel darba mindu nqbadna priġunieri.

Ftit ġranet wara ħaduna l-Ingilterra u hekk il-ferħ tagħna kompla. Kiber speċjalment meta morna d-dar bil-*leave* niltaqgħu mal-familjari u fuq kollox il-laqgħa tiegħi ma' marti u ibni.

Qalbi kienet waslet biex tinqasam bil-ferħ, liema kuntentizza, u tant ħassejtni kburi. Ibni tant tani pjaċir u dan mertu ta' marti, sibt tifel ċkejken u gustus ta' kważi tliet snin u mill-ewwel aċċettani mingħajr biża'. Jiena naħseb li dakinhar, jiena kont il-bniedem l-aktar ferħan fid-dinja, imma ma ridtx nisma' l-martirju li għaddejt minnu taħt it-terrur tal-Ġermaniżi meta waqa' l-ajruplan tagħna, erbgħa' mill-ekwipaġġ mietu u salvajna tlieta."


# Ta' Ġanna Bar

Luqa Briffa Street, Żejtun • Tel: 2182 2832, 2169 5833

**IL-BARMAN**

**Jawgura l-festa t-tajba liż-Żwieten kollha.**

*Bar airconditioned fejn kull nhar ta' Sibt u Ħadd iservu appetizers filwaqt li l-Ħadd filgħodu jkun hemm l-Għana wkoll.*